MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2003

Numru 754/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Jean-Claude Cassar, iben Carmel,
imwieled San Ġiljan fit-2 ta'
novembru, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-26 ta' settembru, 2003 għal ħabta tal-11.45 a.m. fl-għassa tal-pulizija tal-Qawra –
1. volontarjament, kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, storbju u \jew ġlied;
2. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija;
3. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, cioe' monitor tal-marka ADDS, numru tas-serje 2333767, liema ħsara ma tiskorrix il-mitt lira maltin (Lm100) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi tratttat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni tas-seduta tat-2 ta' diċembru, 2003 fejn infurmat
lill-Qorti li l-monitor jiswa Lm54.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' diċembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 325(1)(b) u l-aħħar proviso tas-subartikolu (1) u l-artikolu 338(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa komplessiva ta' mitejn liri maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------